

Brussell, 1 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13236/25

SOC 624
GENDER 176
ANTIDISCRIM 85
FREMP 250
JAI 1314

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Il-ġlieda kontra l-mibegħda, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra l-persuni LGBTIQ - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża n-nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet tal-Kunsill (EPSCO) tas-17 ta' Ottubru 2025.

Il-ġlieda kontra l-mibegħda, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra l-persuni LGBTIQ

Introduzzjoni

Il-persuni lezjbani, gay, bisesswali, transġeneru, intersesswali u queer u persuni oħra minn minoranzi sesswali jew tal-ġeneru (LGBTIQ) għadhom qed iħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni u fastidju madwar l-UE minkejja l-oqfsa leġiżlattivi eżistenti, sensibilizzazzjoni politika mtejba u diversi inizjattivi meħuda għall-avvanz tat-trattament ugwali f'dan il-qasam. Din l-isfida persistenti ddgħajfef l-implimentazzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u tal-parteciċipazzjoni ugwali għall-individwi kollha fil-ħajja soċjali u ekonomika.

Studji juru li l-progress sinifikattiv jista' jinkiseb meta jkun hemm impenn politiku u għarfien. Mill-2019, l-UE rat żieda fl-għadd ta' persuni LGBTIQ li jgħixu ħajjithom mingħajr ma joqogħdu jaħbu l-orjentazzjoni sesswali tagħhom. Pereżempju, persuni LGBTIQ jirrappurtaw li jħossuhom aktar sikuri li jżommu id is-sieħeb jew sieħba tagħhom fil-pubbliku u jħossu li l-iskejjel qed jittrattaw kwistjonijiet LGBTIQ b'mod aktar pożittiv minn qabel¹.

Filwaqt li dawn l-iżviluppi jirrappreżentaw passi importanti 'l quddiem, l-istampa ġenerali fir-rigward tal-benesseri tal-persuni LGBTIQ għadha ta' tħassib serju. Skont it-tielet iterazzjoni tal-Istħarriġ tal-UE dwar l-LGBTIQ imwettaq mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), il-persuni LGBTIQ esperjenzaw żieda sinifikanti fil-vjolenza instigata mill-mibegħda, bullying, u diskriminazzjoni, b'individwi transġeneru u intersesswali affettwati b'mod sproporzjonat².

Fl-UE għadna naraw inċidenti kontra persuni LGBTIQ, fosthom attakki verbali, vjolenza fiżika, diskors ta' mibegħda, u intimidazzjoni omofobika f'għaqdiet paċifiċi li suppost ikunu spazji pubbliċi sikuri, inkluż b'rabta ma' avvenimenti u dimostrazzjonijiet pubbliċi³.

¹ Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. (2024). *LGBTIQ Equality at a Crossroads: Progress and Challenges*. Vjenna: FRA.

² Ibid.; Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (2025). *Being intersex in the EU*. Vjenna: FRA.

³ *LGBTIQ Equality at a Crossroads: Progress and Challenges*.

Barra minn hekk, aktar minn terz tal-persuni LGBTIQ irrappurtaw diskriminazzjoni f'oqsma ewlenin bħall-impjeg, l-akkomodazzjoni, u l-aċċess għal servizzi oħra disponibbli lill-pubbliku⁴. Minkejja dan, ir-rapporti lill-korpi tal-ugwaljanza għadhom f'it, u dan jiffa' dawl fuq l-ostakli għall-ġustizzja u r-rimedju⁵.

Id-diskriminazzjoni persistenti u ż-żieda fil-fastidju u l-vjolenza huma ta' theddida serja għas-sikurezza u għad-drittijiet fundamentali tal-individwi LGBTIQ.

Il-konsegwenzi tal-vjolenza u tad-diskriminazzjoni huma gravi u estensivi; aktar minn terz tal-persuni LGBTIQ ikkontemplaw is-suwiċidju matul is-sena li għaddiet, biż-żgħażaġh u l-persuni trans, daww mhux binarji u ta' ġeneru divers bi probabbiltà akbar li jaħsbu fis-suwiċidju meta mqabbla mal-bqija tal-popolazzjoni⁶. Fl-2023, 67 % tal-persuni LGBTIQ esperjenzaw bullying, theddid u insulti minħabba l-orjentazzjoni jew l-identità sesswali tagħhom⁷.

Il-Prinċipji Inkwiżtjoni

Il-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni huma mnaqqxa fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta").

L-Artikolu 21 tal-Karta jipprojbixxi b'mod espliċitu kwalunkwe diskriminazzjoni għal firxa wiesgħa ta' raġunijiet, fosthom is-sess u l-orjentazzjoni sesswali: *"Kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-orijini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali għandha tkun projbita."*

L-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedu li fl-azzjonijiet kollha tagħha l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, tiġġielew id-diskriminazzjoni, inkluż dik ibbażata fuq is-sess u l-orjentazzjoni sesswali, u l-Artikolu 19 TFUE jagħti s-setgħa lill-Kunsill jieħu azzjoni sabiex jiġġielew id-diskriminazzjoni bbażata fuq daww ir-raġunijiet.

⁴ Ibid.

⁵ Ibid.

⁶ Ibid.

⁷ Ibid.

Mument Kruċjali

Fl-2020, il-Kummissjoni Ewropea adottat l-"Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025", l-ewwel waħda li qatt kellha, fejn għaqqdet sensiela ta' miżuri mmirati biex isaħħu l-ugwaljanza għall-persuni LGBTIQ bl-integrazzjoni tal-ugwaljanza għall-persuni LGBTIQ fil-politiki, il-leġislazzjoni u l-programmi ta' finanzjament kollha tal-UE. Din l-istrateġija tgħin ukoll biex tqawwi leħen il-persuni LGBTIQ u tlaqqa' l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati fi sforz komuni biex jindirizzaw b'effikaċja l-ugwaljanza għall-persuni LGBTIQ.

Is-sena 2025 timmarka mument kruċjali għall-promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni LGBTIQ fl-UE. Il-Kummissjoni Ewropea qed tniedi l-"Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2026-2030", strateġija ġdida li għandha tagħti l-qafas għall-attivitajiet futuri fl-UE.

L-esperjenzi ta' kull Stat Membru jipprovdu kontribut siewi għal djalogu kostruttiv dwar kif l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jistgħu jmxexxu 'l quddiem id-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs għall-persuni LGBTIQ u kif jistgħu jingħelbu d-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra dawn il-gruppi.

F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jkollhom skambju ta' fehmiet ibbażat fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1) Liema mill-aħjar prattiki kienet effettiva fl-Istat Membru tagħkom għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra l-persuni LGBTIQ?*
- 2) X'azzjonijiet addizzjonali jistgħu jittieħdu fil-livell tal-UE sabiex jiġi żgurat li l-persuni u l-familji LGBTIQ ikunu jistgħu jgħixu fil-libertà u b'mod miftuħ, inkluż f'pajjiżi differenti, ħielsa mid-diskriminazzjoni u l-vjolenza?*